# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 27 ta' Ottubru 2016**

**Rikors Guramentat Nru. 17 / 16RGM**

**Kawza fil-lista: 17**

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Mark Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li gew nominati bhala kuraturi deputati permezz ta' digriet datat 16 ta' Marzu 2015 sabiex jirraprezentaw lill-assenti D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-partijiet zzewgu f'Malta fl-ghaxra (10) ta'April 2008 skont certifikat taz-zwieg. Miz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-hajja mizzewga tal-kontendenti saret impossibli minhabba f' inkompatibilita' ta' karattru u kif ukoll minhabba f'sevizz, theddid u ngurji gravi da parti ta' l-intimat u b'hekk iz-zwieg tfarrak b'mod irrimeddjabbli tort ta' l-intimat kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-esponenti ghal dawn ir-ragunijiet talbet u ottjeniet l-awtorizazzjoni mehtiega minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi f'din l-istanza wara li tterminaw il-proceduri ta' medjazzjoni skont il-ligi u dana skont digriet numru 2615/15;

Illi l-intimat abbanduna d-dar matrimonjali u telaq minn Malta u ilu barra minn Malta ghal dawn l-ahhar tlett (3) snin.

Illi m’hemmx lok ghar-rikonciljazzjoni u ghalhekk qed issir din il-kawza;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn ir-rikorrent u r-ragel taghha D C ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat;

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti fi kwoti ndaqs bejniethom, u tassenja l-istess porzjonijiet kif divizi;

3. Tawtortzza lir-rikorrenti li tirregistra, ossia li tnizzel fir-registru pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha Trapani;

Bl-ispejjez tal-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.

Il-konvenuti kuraturi, l-Avukat Dottor Mark A Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar fir-risposta taghhom iddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti u rriservaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kas u jekk jigu edotti mill-fatti;

Rat l-affidavit tal-attrici mahluf fis-7 ta’ Marzu 2016, ta’ Elena Trapani, omm l-attrici u ta’ Vincenza Trapani, oht l-attrici mahlufa fil-21 ta’ April 2016;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-15 ta’ Gunju 2016, fejn l-attrici ddikjarat li ma ghandha l-ebda informazzjoni fejn presentement jirrisjedi l-konvenut u ma ghandha l-ebda numru tat-telephone tieghu jew email address, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum, l-attrici nghatat il-fakolta’ li tipprezenta nota fi zmien sitt gimghat bin-notifika lill-konvenuti kuraturi li nghataw tmien gimghat zmien biex jirrispondu, noti li ma gewx ipprezentati.

**IL-PROVI.**

Fl-affidavit taghha, Fol 19 l-attrici ddikjarat li zzewget lill-konvenut fl-10 ta’ April 2008 xi erba’ xhur wara li kienet iltaqghet mieghu fir-Roma Hotel fejn kienet tahdem bhala receptionist. Il-konvenut mill-ewwel talabha tizzewgu, u billi kienet qed tikber, ma xtaqitx tikkoabita mieghu bhala xebba, u billi xtaqghet tarbija minnu, accettat. Ftehmu li wara li jizzewgu l-attrici tibqa’ tiehu hsieb il-genituri taghha li kienu anzjani u ohtha l-kbira li kienet tbati mill-marda tal-

Parkinson's. Qablu ukoll li wara l-honeymoon kellhom jirritornaw Malta u jghixu fid-dar tal-genituri taghha u ohtha.

Wara z-zwieg marru ghall-honeymonn fil-Mexico u b'sorpriza kbira u b'dispjacir skopriet li r-ragel kien impotenti. Qabel ma zzewgu kienet qaltlu bix-xewqa taghha li jkollha t-tfal u hu dejjem taha x'tifhem li kien kapaci li jkollu sess normali. Kien propju ghalhekk li accettat li tizzewgu. Kien dizzappunt kbir ghaliha li kienet ser ticcahhad milli jkollha t-tfal. Dan il-fatt kien jiggustifika talba ghall-annullament taz-zwieg, pero' hi zzewgitu ghax kienet thobbu u f'dak iz-zmien kontra qalbha accettat il-fatt li kienu ser jibqghu bla ulied.

Wara tlett xhur mill-honeymoon zewgha ried jitlaq mid-dar tal-genituri taghha f'Tas-Sliema u jikri flat billi ma setax jissapporti jghix mal-familja taghha. Biex tikkuntenta lil zewgha accettat u krew flat f'tas-Sliema biex jghixu ghar-rashom. Pero' beda jwahhal fl-attrici li kien kostrett ihallas il-kera, li kellu jghix f'Malta kontra qalbu u mhux barra minn Malta fejn il-kera kien orhos. Meta kienu jghixu mal-genituri taghha qatt ma hallsu kera jew kontijiet.

Ghamlet tlett snin tghix mieghu issofri numru ta' deprivazzjonijiet u abbuz emozjonali. Zewgha kien jikkontrolla kollox, ma kienx jikkoncedilha li tuza l-elettriku ghal aktar minn hmistax-il minuta, lanqas kien jhalliha tuza mishun biex tinhasel, kien jigbor l-ilma tax-xita biex juzah ghat-toilet. Meta kien jidlam ma jhallihiex tixghel d-dawl billi d-dawl tat-television kien jghid li kien sufficjenti. Kien anke jikkontrolla l-ikel fil-fridge, kull darba li tiftah armarju kien jrid jkun jaf x'qed tiekol.

Missierha miet fl-2009 u ommha u ohtha kienu jiddependu mill-ghajnuna taghha. Hu kien dejjem jinsisti li ma ridx jghix ma' ommha u ohtha u kien jirriferi ghalihom b'mod dispreggjattiv. Kellhom jergghu jiccaqalqu fl-2010, krew zewg appartamenti f'Marsascala u kien jaghmel xenata kull darba li l-attrici kienet tmur iddur b'ommha u ohtha. F'zewg okkazzjonijiet separati ddikjara li izzewwigha ghall-konvenjenza.

Sabet impieg bhala *front office receptionist* bejn l-2009 u l-2010, kellhom joint account mal-HSBC fejn kienu jiddepozitaw il-paga taghha u l-pensjoni tieghu. Meta ma baqghetx tahdem qalilha li ma kienx hemm aktar il-htiega ta' joint account. Billi kienet tafdah ghamel kollox f'ismu, kienet tiddependi minnu kompletament ghal kull haga li kellha bzonn tixtri.

Bejn l-2010 u l-2012 is-sitwazzjoni eskalat u l-attitudini tieghu saret intollerabbli. Kellhom argument qawwi fi Frar 2012 u l-attrici tant hassitha umiljata li telqet ghand ommha. Qabel telqet qalilha biex thalli c-cwievet tal-appartament u li ma

kellhiex ghalfejn tmur lura ghax l-intenzjoni tieghu kienet li jitlaq minn Malta permanentement.

F'Marzu 2012 ikkomunika maghha biex jghidilha li xtara one way ticket ghal Spanja u li biegh l-ghamara li kellhom fil-flat ta' Marsascala li b'eccezzjoni ta' ftit oggetti kienet propjeta' tal-familja taghha. Cemplilha biex jghidilha li l-affarjiet personali taghha kien ser ihallihom f'borza tal-plastic hdejn id-dar ta' ohtha f'Tas-Sliema.

Zewgha telaq minn Malta fil-21 ta' Mejju 2012 u qatt ma rega' ikkommunika maghha u ma ghandha l-ebda indikazzjoni jew informazzjoni fejn qieghed, semplicement abbandunha u hallieha bla flus, bla post fejn tghix u bla ebda sigurta'.

**Elena Trapani**, omm l-attici, fl-affidavit taghha, Fol 26, ddikjarat li meta ltaqghu mal-konvenut, ittrattawh daqs li kieku kien binhom. Stiednuh joqghod ghandhom u kienu kuntenti li binthom kienet ser tizzewweg u li kienu ser jakkwistaw iben. Sfortunatament is-sitwazzjoni nbidlet radikalment meta gew lura mill-honeymoon. Il-konvenut ipretenda li jiehu kollox f'idejh, jordna lil kullhadd u dejjem jipretendi li tghaddi tieghu. Qatt ma kien kuntent b'dak li kienu jaghmlulu, kien jikkritika kollox u dejjem, jipprettendi kollox b'xejn.

Wara hafna argumenti bejn il-konvenut u zewgha, li kien marid serjament, il-konvenut kien intalab sabiex jibda jikkontribwixxi fil-kontijiet tad-dawl u l-ilma, u hi ziedet li qatt ma kien jhallas tal-kera u ghall-ikel. Ir-reazzjoni tieghu kienet li sar vjolenti u li kieku ma intervenitx l-attrici kien fizikament jattakkhom. B'rabja kbira beda jsabbat fuq il-mejda u jghajjat li ma kien ser ihallas ghalxejn, li ma ridx jibqa jghix maghhom u li kien ser jikkri flat. L-ghada kera appartament f'Tas-Sliema u bintha biex issalva z-zwieg marret mieghu, izda xorta baqghet tmur tghinhom. Il-konvenut dejjem kien jevita lix-xhud u qatt ma kien ikellimha. Fis-snin ta' wara l-attrici soffriet l-abbuzi u d-deprivazzjonijiet tieghu, ma setax jaccetta li hi kienet baqghet tghin liha u lill-ohtha li t-tnejn kienu f'wheelchair.

Gurnata partikolari l-attrici ma setatx tissapportih aktar u mbikma marret ghandha. Il-konvenut kien hadilha c-cwievet tal-appartament. Qalilha biex ma tmurx lura u li hu kien ser jitlaq minn Malta. Wara saret taf li qabel telaq, ha l-flus kollha li kellhom fil-Joint Account, biegh l-ghamara u abbanduna lill-bintha, l-attrici. Qatt ma rega' kellimhom u ma jafux fejn qieghed.

**Vincenza Trapani,** oht l-attrici, fl-affidavit taghha Fol 28, ddikjarat li l-ewwel darba li rat lill-konvenut kien meta ohtha gabitu d-dar xi ftit xhur qabel izzewgu. Xaharejn qabel izzewgu l-genituri taghha kienu accettaw li l-konvenut seta' jibqa jghix maghhom b'xejn, in fatti hi ikkonceditlu li juza l-kamra taghha u hi marret

f'kamra ohra li kienet izghar. F'dak iz-zmien l-konvenut gab ruhu sew. Pero' wara li gew lura mill-honeymoon l-atteggjament tieghu nbidel kompletament, beda jiddetta u jordna lil kulhadd, xejn ma kien joghgbu, kien jilmenta minn kollox.

Dejjem kien jargumenta ma' ohtha l-attrici ghax kien joggezzjona li hi tiddedika tant hin ghall-familja, biz-zmien dawn l-incidenti saru izjed spissi u f'xi drabi vjolenti. Kien jilmenta li ma setax jibqa' jghix maghhom taht l-istess saqaf, u meta missierha talbu biex jibda jikkontrbwixxi fil-hlas tal-kontijiet, inqala' incident u tant irrabbja li l-ghada stess kera appartament f'Tas-Sliema u l-partijiet marru jghixu hemm. F'dak iz-zmien ohtha kienet tahdem bhala receptionist pero' xorta wahda kienet tghinhom billi kienet tmur darbtejn kuljum filghodu u filghaxija, u kienet issofri t-tghajjir tieghu billi hu ma kienx japprova.

L-attitudini tieghu kompliet tmur ghall-aghar wara l-mewt ta' missierha. Kien jinsulta lil ommha u ma kienx jirrispettha. Ohtha ipprovat issalva iz-zwieg pero' is-sitwazzjoni ta' bejniethom tant eskalat li fi Frar 2012 ohtha regghet marret d-dar taghhom billi l-konvivenza mieghu saret impossibbli.

L-Avukat Dottor Mark Mifsud Cutajar, nominat kuratur ghall-assenti konvenut, b'verbal registrat fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2016, wara li l-attrici kkonfermat li ma ghandha l-ebda informazzjoni dwar ir-residenza prezenti tal-konvenut, iddikjara li ma kienx f'posizzjoni li jipproduci provi ghall-konvenut.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-attrici qed tipprocedi b'kawza ta' separazzjoni personali kontra l-konvenut billi tiddikjara li l-hajja mizzewga giet reza impossibbli minhabba inkompatibilita' ta' karattru, sevigi, theddied,u ingurji gravi da parti tal-konvenut.

Fil-fatt fl-affidavit taghha tiddikjara li setghat tipprocedi ghall-annullament taz-zwieg billi fil-honeymoon irrizultalha li l-konvenut kien ibghati minn impotenza. Huma izzewgu fl-10 ta' April 2008 u fil-21 ta' Mejju 2012 l-konvenut zewgha telaq minn Malta permanentement u qatt ma rega' kkonunika maghha.

Qabel iz-zwieg, il-konvenut kien mistieden jghix ghand il-genituri taghha, kellu atteggjament korrett u bhala tali promettenti, pero' minn meta rritornaw mill-honeymoon nbidel mil-lejl ghan-nhar, sar bniedem awtoritarju, bla ebda rispett ghall-familja tal-attrici, li spiccat il-vittma tad-deprivazzjonijiet u l-abbuz emozzjonali tieghu. Kien jikkontrolla kemm tahli dawl u x'tiekol, kien kontinwament jargumenta maghha ghax kien joggezzjona li l-attrici tmur tghin lil omma u lil ohtha li t-tnejn kienu f'wheelchair, u spicca biex telaq wara li biegh l-

ghamara tal-genituri taghha u approprja ruhu mill-flus li kellhom f'Joint Account mal-HSBC. Qatt ma ipprova jerga' jikkomunika maghha. L-attrici tikkonkludi l-affidavit taghha billi tiddikjara li l-konvenut abbandunha u halliha b'xejn " He simply walked out on me with no place where to live with no money and no security whatsoever".

Ikkunsidrat

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Caterina Agius vs Benedict Agius**" deciza mil-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 gie enuncjat li l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni ta' separazzjoni personali l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Eliza Thompson vs Edward Thompson**" deciza mil-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 1925 gie stabbilit illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni ta' separazzjoni personali m'hemmx htiega li jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza impossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

Fil-kas in ezami rrizulta li l-attrici kienet il-vittma tal-abbuzi emozzjonali kontinwi tal-konvenut tant li l-konvivenza saret impossibbli. Il-hajja konjugali kienet karatterizzata mill-prepotenza tieghu li saret insopportabli meta beda anke jikkontrolla x'tiekol u kemm tahli dawl. Il-konvenut spicca biex abbanduna lill-attrici wara biss erba snin li kienu mizzewga.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Giuseppa Camilleri vs Rocco Camilleri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Novembru 1964, dwar l-abbandun ntqal:

" L-essenza tal-abbandun tirrisjedi fil-persistenza u l-kontinwita' ta' wiehed jew wahda mill-konjugi illi jghix apparti mill-konjugi l-ohra jew l-iehor, skont il-kas minghajr raguni tajba."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Jane sive Giovanna Cordina vs Dottor Albert V Grech noe**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Jannar 1965 ntqal:

" Biex l-abbandun ikun kawzali ta' separazzjoni personali hem bzonn li (1) jkun ghall-perjodu ta' almenu sentejn u (2) li jkun minghajr giusta kawza. L-apprezzament ta' cirkostanzi ta' fatt jekk tezistix jew le giusta kawza huwa imholli fil-kriterju tal-giudikant".

L-konvenut telaq permanentement minn Malta fil-21 ta' Mejju 2012 u qatt ma rega' kkommunika mall-attrici. Il-kawza giet iprezentata fit-22 ta' Jannar 2016.

Fil-fehma tal-Qorti gie stabbilit sufficjentement illi l-konvenut huwa responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg minhabba sevizzi u abbandun. Ghalhekk it-talbiet attrici u jimmeritaw li jigu milqugha.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed taqta u tiddeciedi l-kawza billi prevja milli tiddisponi mir-risposta tal-kuraturi deputati ghall-assenti,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut kif fuq deciz;

2. Tilqa' parzjalment it-tieni talba attrici u tiddikjara xjolta l-kommunjoni tal-akkwisti. Tichad it-talba ghal-likwidazzjoni u divizzjoni tal-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti in kwantu ma tressqu l-ebda provi dwar il-konsistenza taghhom.

3. Tilqa' it-tielet talba attrici u tawtorizza lill-attrici tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku;

4. Tilqa' ir-raba' talba attrici u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "Trapani".

Bl-ispejjez kontra il-konvenut b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**